

Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa:

Gwida biex
tagħmel l-avveniment
tiegħek aktar inklussiv



Conference
on the Future
of Europe

Avvenimenti li jsiru bħala parti mill-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa għandhom jiffokaw fuq l-ideat taċ-ċittadini u l-involviment attiv tal-parteċipanti. Anki jekk l-esperti jistgħu jiġu kkonsultati biex jifformulaw il-kwistjoni jew biex jaġixxu bħala verifikaturi tal-fatti, avveniment m'għandux ikun laqgħa ta' esperti minn fuq għal isfel u għandu jkun aċċessibbli għal nies li mhumiex familjari mad-dibattiti pubbliċi u s-suġġett diskuss.

Biex nies minn kull qasam tal-ħajja jipparteċipaw, huwa **essenzjali li l-avveniment tiegħek ikun inklussiv kemm jista' jkun. Aktar ma jkun hemm diversità** fost il-parteċipanti, aktar aħjar. Dan jgħin biex tiġbor aktar ideat li jirriflettu aħjar is-soċjetajiet tagħna in ġenerali, u ma tħalli lil ħadd barra. Madankollu, ħafna nies jistgħu ma jkunux ħadu sehem f'avveniment bħal dan qabel u jistgħu ma jkunux imdorrija jkunu assoċjati mat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Hemm **passi sempliċi li tista' tiegħu qabel, waqt u wara l-avveniment** biex tagħmlu aktar inklussiv u aċċessibbli. Segwi dawn il-pariri u suġġerimenti biex tgħin tiżgura li kulħadd iħossu inkluż u sigur biex jipparteċipa fl-avveniment tiegħek.

Qabel l-avveniment

Jekk int individwu jew grupp żgħir

- Ara jekk tistax **tingħaqad ma' oħrajn** li jistgħu jgħinuk tilħaq lin-nies jew jgħinuk b'riżorsi għall-avveniment. Dawn jistgħu jkunu organizzazzjonijiet lokali involuti fi kwistjoni relatata mal-avveniment jew li jkollhom kuntatti tajbin fi ħdan il-komunità lokali.
- **Identifika kwistjonijiet li huma importanti għan-nies** u li jistgħu jiddibattu dwarhom billi jieħdu sehem f'dan l-avveniment. X'inhuma s-suġġetti rilevanti fiż-żona lokali tiegħek u kif jirrelataw mal-livell Ewropew?
- **Adatta l-ħin u l-post** tal-avveniment skont in-nies li trid tilħaq. Jekk trid timpenja liż-żgħażaġħ, dan jista' jkun wara l-iskola f'ċentru ta' rikreazzjoni jew viċin grawnd sportiv.
- Jekk inti sfurzati tagħmel **l-avveniment online** minħabba l-pandemija attwali, ipprova użah bħala ċans biex tilħaq nies li huma iktar 'il bogħod, forsi anke f'pajjiż ieħor.
- Ipprova uża l-**effett valanga** fejn tista' tikkonċentra fuq l-involviment ta' tliet persuni li min-naħa tagħhom jintalbu jinvolvu tliet persuni kull wieħed.
- Ħeġġeġ lin-nies biex jospitaw **avvenimenti ta' ġbir ta' ideat** mal-ġirien, ħbieb u l-familja tagħhom, mal-kollegi u sħabhom tal-klassi. Jekk l-avveniment tiegħek huwa diġitali, issuġġerixxi li l-parteċipanti jingħaqdu fl-avveniment bil-vidjow tiegħek flimkien mill-klassijiet, l-uffiċċji jew mis-salott tagħhom. Dawn l-avvenimenti iżgħar u aktar personali ta' gruppi iżgħar jistgħu saħansitra jseħħu qabel l-avveniment tiegħek sabiex il-parteċipanti jkunu diġà bdew jifformulaw ideat u jistaqsu dwar il-ħtiġijiet tan-nies ta' madwarhom.
- Huwa importanti li l-**parteċipanti jkunu infurmati dwar x'inhu mistenni** minnhom jekk jagħżlu li jieħdu sehem fl-avveniment. Bħala l-organizzatur tal-avveniment, jeħtieġ tiżgura li l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tagħhom jiġu ppreżentati b'mod li huwa faċli jinftiehem minn kulħadd. Iktar ma jkunu jafu dwar il-proċess, iktar ikun probabbli li jkunu interessati jieħdu sehem!

Jekk inti parti minn organizzazzjoni/ għandek aktar riżorsi disponibbli

- **Immappja l-komunità lokali** jew in-netwerk tiegħek biex tifhem lil min tista' tinvolvi faċilment u min jista' jkun iktar diffiċli biex jintlaħaq.
- Jista' jagħmel sens li tinvolvi xi **nies ewlenin ta' sensibilizzazzjoni jew organizzazzjonijiet** li għandhom iktar kuntatti mal-pubbliku li trid tilħaq. Pereżempju, zgħażaġh li jistgħu jinvolvu zgħażaġh oħra jew organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jaħdmu f'viċinanzi fil-bżonn.
- Ipprova **kun fejn qegħdin in-nies li trid tilħaq**, fuq il-midja soċjali, fil-pjazza tal-belt lokali jew fl-iskejjel, pereżempju.
- **Sir af il-ħtiġijiet tal-parteċipanti.** Pereżempju, f'termini ta' aċċessibilità, ipprova kun żgur li l-ispazju li qed tuża għall-avvenimenti huwa faċli biex jaslu għalih għalih persuni b'diżabilità kif ukoll nies li m'għandhomx ir-riżorsi biex jivvjaġġaw fit-tul. Jekk xi ħadd irid jieħu ħsieb tfal jew qraba dipendenti, jista' jkollhom bżonn jitolqu temporanjament waqt l-avvenimenti jew ikollhom bżonn jiltaqgħu f'ħinijiet speċifiċi matul il-jum.
- Ikkunsidra **kwistjonijiet** li jinteressaw persuna li hija iktar diffiċli biex tintlaħaq u x'jinkoraġġiha taġhti l-ħin tagħha għal avveniment bħal dan.

Is-suċċess tal-Konferenza dwar il-Ġejjieni tal-Ewropa jiddependi fuq organizzaturi tal-avvenimenti, bħalek, li jiżguraw li persuni b'diżabilità jkunu inkoraġġiti u jitħallew jieħdu sehem kemm f'avvenimenti personalment jew online.

Avvenimenti personalment

- Kun żgur li l-post tiegħek huwa aċċessibbli għal siġġijiet tar-roti – kemm f'termini ta' dħul, kmamar tal-laqgħat u kmamar tal-banju. Meta tippjana kif se tqassam il-kamra tiegħek, kun żgur li d-distanzi bejn is-siġġijiet ikunu wesgħin biżżejjed għal siġġijiet tar-roti. Kun żgur li hemm spazji disponibbli fil-parkeġġ għal dawk li jużaw siġġu tar-roti.
- Ara li jkun hemm xi ħadd disponibbli biex jgħin lin-nies u jgħin jeskortahom madwar l-ispazji kbar.
- Ipprova l-interpretar bil-lingwa tas-sinjali.
- Segwi l-linji gwida mill-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità:
https://www.edf-feph.org/content/uploads/2020/12/edf_guide_for_accessible_meetings_1.pdf

Avvenimenti online

- Kun żgur li s-servizz li qed tuża biex tospita l-avveniment virtwali huwa kompatibbli mat-teknoloġija assistiva bħal qarrejja tal-iskrin u jippermetti lill-parteċipanti jċemplu permezz tat-telefown. Dan għandu jippermetti smiġh/taħdit awdjo bbażat fuq il-kompjuter u smiġh/taħdit awdjo bbażat fuq it-telefown.
- Inkludi direzzjonijiet dettaljati, pass pass ta' kif tidħol fl-avveniment u kif tuża l-pjattaforma. Offri sessjonijiet ta' taħriġ qabel l-avveniment.

¹ Id-dokument huwa disponibbli bl-Ingliż biss.

- Kun żgur li l-fonts huma faċli biex jinqraw, li t-test huwa kbir biżżejjed u li hemm kuntrast tajjeb tal-kuluri. Evita l-lingwaġġ, is-slang u l-għarfien preżunt biex tkun inklussiv għal dawk kollha li jattendu.
- Segwi l-linji gwida mill-Forum Ewropew dwar id-Diżabilità: <https://www.edf-feph.org/web-accessibility-resources/>²

Matul l-avveniment

NB: ara wkoll il-format issuġġerit fil-gwida dwar kif torganizza avveniment ([kif torganizza avveniment](#)).

Ibda billi toħloq ambjent sigur għal diskussjonijiet siewja

- Mod biex toħloq ambjent sigur u ta' rispett għall-parteciċipanti kollha huwa li flimkien toħloq **linji gwida dwar avvenimenti kollettivi**, mill-bidu. Il-linji gwida jista' jkun fihom regoli dwar kif kulħadd għandu jgħid ruħu lejn xulxin, kif ma taqblux b'mod rispettuż u kif tqisu l-ħtiġijiet u l-fehmiet ta' kulħadd. Dawn għandhom jispjegaw ir-rwol tal-moderatur(i).
- Jekk id-diskussjonijiet jinbidlu f'argumenti jew ikunu diretti lejn persuna waħda jew jekk jinqalgħu kunflitti oħra, dejjem tista' tirreferi **għal-linji gwida maqbula reċiprokament**.

Kun żgur li timmodera diskussjonijiet b'mod inklussiv u aċċessibbli

- Il-**preżenza ta' moderatur professjonali tista' tkun ta' għajjnuna kbira**, peress li hija funzjoni delikata.
- Aħna nirrakkomandaw li tiddistingwi bejn il-**president** tal-avveniment u l-**moderatur**, peress li din il-persuna trid titqies bħala newtrali u indipendenti mill-organizzatur, bil-kompitu li tiżgura li kulħadd jgħid tiegħu.
- Jekk in-nies isibuha diffiċli biex joħorġu b'ideat, għinjom billi l-ewwel tistaqsi liema problemi nnotaw relatati mas-**suġġett f'ħajjithom stess**. Imbagħad staqsihom x'soluzzjonijiet jista' jkun hemm għal dawk il-kwistjonijiet.
- Meta n-nies mhumiex imdorrijin jintalbu l-opinjoni tagħhom jew għal avvenimenti parteciċipatorji bħal dawn, jista' jieħu ż-żmien biex joħorġu b'suġġerimenti konkreti, għaldaqstant **ħallihom isibuh dak il-ħin**.

² Il-websajt huwa disponibbli bl-Ingliż.

- Jekk ikun hemm ħin, aqşam it-temi tad-diskussjoni tal-gruppi f'**sub-suġġetti li huma aktar maniġġabbli**. Meta taqşam is-suġġett tagħti lin-nies aktar spazju biex jaħsbu dwar kif dawn il-kwistjonijiet jagħmlu impatt fuq ħajjithom u biex joħroġu b'suġġerimenti u soluzzjonijiet.
- Tista' wkoll titlob lin-nies jinqasmu fi **gruppi skont is-suġġetti**. **Ipprova żgura li l-gruppi huma diversi**, biex tiżgura li kull grupp joħroġ bi proposti bilanċjati. Waqt l-avveniment, l-għan ta' kull grupp huwa li jiżviluppa mill-inqas proposta waħda li se jippreżentaw lill-grupp kollu. Temm is-sessjoni billi tħalli lill-gruppi kollha jagħtu feedback dwar il-proposti ta' xulxin

Wara l-avveniment

- **Informa lill-parteciċipanti dwar kif beħsiebek tikteb ir-rapport**. Hemm żewġ għażliet: (1) ir-rapport jiġi abbozzat mill-organizzaturi iżda mibgħut lill-parteciċipanti kollha bi skadenza għal kummenti potenzjali; (2) ir-rapport jiġi abbozzat eżatt wara l-laqgħa bl-għajnuna ta' (grupp żgħir) ta' volontiera.
- Bħala segwitu għall-avveniment, **ħeġġeġ lin-nies imorru jaqraw ir-rapport fuq il-pjattaforma tal-Konferenza**, biex tkomplu d-dibattitu billi tibqgħu f'kuntatt permezz tal-pjattaforma tal-Konferenza, u biex tippromu ideat ġodda jew tikkummentaw dwar proposti ta' nies oħra. Itlobhom ukoll biex ixerrdu l-kelma u jikkellmu dwar l-esperjenza tagħhom mal-familja u l-ħbieb.
- Kun żgur li r-rapporti huma miktuba b'**lingwa ċara** li tinftiehem minn dawk kollha li ħadu sehem fl-avveniment, sabiex ikunu jistgħu jaraw l-ideat tagħhom riflessi hemmhekk.
- Tista' tagħmel stħarriġ biex tikseb **feedback dwar l-avveniment mill-parteciċipanti**, u tinkludih fir-rapport tiegħek. Tinsiex tinkludi mistoqsija dwar l-aċċessibilità u l-inklussività.